**Ċirkulari UPM Nru 34/2016**

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU
Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta

3 ta' Novembru 2016

Segretarji Permanenti
Diretturi Ġenerali
Diretturi

***KUNDIZZJONIJIET AĦJAR GĦALL-UFFIĊJALI PUBBLIĊI***

Is-Servizz Pubbliku jemmen bis-sħiħ li miżuri li jappoġġaw lill-Uffiċjal Pubbliku fl-istadji differenti tal-ħajja, jgħinu lill-uffiċjal ikollu bilanċ aħjar bejn il-ħajja personali u x-xogħol. Dan iwassal biex b'hekk, l-impjegat ikun iktar kuntent, motivat u produttiv. Għal dan il-għan, u b'effett mil-lum, qed jittejbu numru ta' kundizzjonijiet, hekk kif indikat hawn taħt:

| | |
|---|---|
| *Vacation Leave* bis-sigħat | L-ammont ta' sigħat ta' *Vacation Leave* li jistgħu jiġu utilizzati bis-sigħat qed jiġi estiż biex b'hekk, issa huwa ammont ekwivalenti għal nofs l-intitolament tal-*vacation leave* tas-sena kurrenti. |
| *Leave* tal-paternità | Uffiċjal Pubbliku raġel issa huwa intitolat għal ħamest (5) ijiem *leave* bi ħlas tal-paternità mat-twelid ta' kull wieħed/waħda minn uliedu. |
| *Leave* ta' qabel l-irtirar | Bi ftehim mal-maniġment u fejn iċ-ċirkostanzi tax-xogħol jippermettu, dan il-*leave* issa jista' jiġi utilizzat fuq medda ta' sitt xhur, fejn l-Uffiċjal Pubbliku jaħdem nofs is-sigħat u jitħallas paga sħiħa. |
| *Leave* mingħajr ħlas biex tmur tgħix barra minn Malta | Uffiċjali Pubbliċi li jridu jmorru jgħixu barra minn Malta jistgħu jingħataw sa sena *leave* mingħajr ħlas. |
| *Leave* għal raġuni speċjali | Dan il-*leave* qed jiġi estiż minn 30 ġurnata għal massimu ta' tliet xhur. |

| | |
|---|---|
| *Leave* bla ħlas biex tipprova impjieg alternattiv fis-settur privat | Il-*leave* speċjali mingħajr ħlas biex uffiċjal pubbliku jkun jista' jipprova impjieg fis-settur privat qed jiġi estiż għall-uffiċjali kollha li ma jkunux fuq kuntratt definit. Fil-każ ta' uffiċjali minn Skali 11 sa 20, it-talbiet jiġu evalwati mid-Direttur tagħhom; fil-każ ta' uffiċjali fi skali ogħla, it-talbiet jiġu evalwati mis-Segretarju Permanenti rispettiv. |

Iktar tagħrif rigward it-tibdil imsemmi hawn fuq kif ukoll id-dettalji dwar il-kundizzjonijiet u l-eliġibbiltà jinsabu fil-Kodiċi dwar l-Immaniġġjar tas-Servizz Pubbliku (PSMC) u fil-Manwali intitolati: *Manual on Special Leaves* u *Manual on Work-Life Balance Measures* li huma aċċessibli mis-siti elettroniċi www.publicservice.gov.mt u https://opm.gov.mt/en/PublicService/Pages/Public-Service-Management-Code.aspx.

Mario Cutajar
Segretarju Permanenti Ewlieni